# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.,(HONS.), LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar, 2002**

**Numru  5**

**Citaz.  numru:  165/95 VDG**

**Alexandra sive Sandra Farrugia**

**vs**

**Raymond Farrugia**

**Il-Qorti,**

**<u>Is-Sentenza appellata</u>**

L-attrici appellat minn din is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-10 ta' Settembru 1997 li cahdet talba taghha biex jigi dikjarat null iz-zwieg kontrattat mal-konvenut.

"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata minn Alexandra sive Sandra Farrugia fit-3 ta' Frar, 1995, li biha, wara li ppremettiet:-

illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Marzu 1993, u dan skond Dokument "A" u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied;

illi l-kunsens ta' l-attrici ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga bejn il-partijiet;

illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u dmirijiet taghha kif ukoll b'anomalija serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Premess dan, l-attrici talbet lill-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet hawn fuq imsemmi huwa null u bla effett;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut ma pprezentax nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u lid-difensur ta' l-attrici;

Ikkunsidrat:-

1. Qabel xejn ghandu jigi osservat li f'din il-kawza, il-konvenut baqa' kontumaci, ghalkemm gie prodott bhala xhud mill-attrici fl-udjenza tad-19 ta' Dicembru 1996. Kif inhu risaput il-kontumacja hija forma ta' kontestazzjoni; pero' anke li kieku f'dan il-kaz kien hemm ammissjoni ta' xi talba jew ohra, din il-Qorti ma kienitx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara <u>Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri</u>, Prim'Awla, 4 ta' Novembru 1994;

Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri, Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 1995; Evelyn Agius vs John Borg, Prim'Awla, 4 ta' Ottubru 1995; Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri, Prim'Awla, 10 ta' Novembru 1995; Isabelle Zarb vs Stephen Attard, Prim'Awla, 21 ta' Novembru 1995; Terrence Richard vs Maria Concetta Richard nee' Goodlip, Prim'Awla, 22/2/96; Alfred Tonna vs Maria Tonna, Prim'Awla, 31/1/96; Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono, Prim'Awla, 16/9/96).

2. L-attrici qed tibbaza t-talba taghha fuq zewg kawzali. L-ewwel nett qed tallega li l-kunsens taghha gie karpit b'qerq fit-termini tal-paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 19 tal-Kap. 255; qed tallega wkoll li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat bid-difett jew ahjar difetti kontemplati fil-paragrafu (d) ta' l-imsemmi sub-artikolu.

3. Il-qerq huwa dak il-vizzju tal-kunsens li l-legislatur Malti, fuq l-iskorta ta' dak kanoniku, fisser, ghal dak li jirrigwarda l-kuntratt taz-zwieg, fis-segwenti termini: "...jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga." Kif din il-Qorti kellha diga okkazzjoni tosserva fis-sentenzi taghha tat-13 ta' Marzu 1995 fl-ismijet "Mary Farrugia vs Joseph Farrugia u tat-22 ta' Mejju 1995, fl-ismijiet John Borg vs Paula sive Polly Borg, din id-disposizzjoni hi ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gia' ezistenti fl-1981 meta l-Artikolu 19 ta' l-allura Att tal-1995 dwar iz-Zwieg gie sostitwit bl-Artikolu presenti. In fatti l-Kanone 1098 tal-Kodici Kanoniku promulgat fil-25 ta' Jannar 1983 jipprovdi illi:

"Qui matrimonium init deceptus dolo, ad obtinendum consensum patrato, circa aliquam alterius partis qualitatem, quae suapte natura consortium vitae coniugalis graviter perturbare potest, invalide contrahit."

Dana d-difett tal-kunsens matrimonjali gie ezaminat f'certu dettal kemm fiz-zewg sentenzi msemmija kif ukoll fis-sentenzi fl-ismijiet David Buhagiar vs Roseanne nee Maile (Prim'Awla, 24 ta' April 1995) u Samuela Lea Pavia vs John Pavia (Prim'Awla, 20 ta' Mejju 1996), ghal liema sentenzi qed issir referenza ghal dik li hija l-esposizzjoni

dottrinali. Ghall-finijiet tal-kawza odjerna l-Qorti ser tillimita ruhha li tissenjala l-erba' affarijiet li jridu jikkonkorru sabiex jissussisti l-qerq ravvizat fil-paragrafu (c) tal-ligi taghna, u cioe' (i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (ii) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (iii) li l-qerq ikunjirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u (iv) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

4. Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju - Art. 19 (1) d) - biex ikun hemm dan in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (Isabelle Zarb vs Stephen Attard, gja citata). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizzjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom.

5. Kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut huma membri fil-Korp tal-Pulizija. Huma ltaqghu f'xi zmien fl-1990 u bdew johorgu flimkien ghall-habta ta' Novembru ta' dik is-sena meta l-attrici kienet qed taghmel kors fl-Akkademja tal-Pulizija f'Sant'Iermu. In segwitu ghal dak il-kors l-attrici lahqet Spettur, pero' xorta wahda baqghet tiffrekwenta lill-konvenut. Huma tgharrsu fl-1992 u zzewgu fil-21 ta' Marzu 1993 meta allura l-attrici kienet diga' Spettur u l-konvenut kuntistabbli. Skond l-attrici fil-perjodu ta' korteggjament ta' ftit anqas minn tlett snin kollox kien normali; il-konvenut kien igib ruhhu sew maghha u jirrispettaha, qatt ma rrabja jew issuppervja, u anqas qatt ma taf li uza xi kliem baxx jew kliem ta' dagha fil-presenza taghha. Hi tghid, pero', li wara z-zwieg huwa nbidel, bil-mod il-mod izda b'mod konsistenti, billi meta jitilghulu kien beda jitkellem baxx u anke juza kliem li jikkonsisti f'dagha. Hi tghid li ghalkemm kienet wissiet lill-konvenut biex ma juzax kliem simili ghax kienu

jdejjquha, hu kien baqa' juza dawn il-kliem kull darba li jitilghulu ghax kien iqis li dak il-kliem kien kliem li juzah kulhadd. L-attrici tallega wkoll li l-konvenut kien jaghmel tahtu (i.e. jghaddi l-urina) fis-sodda. Matul is-sentejn li ghamlu jghixu taht l-istess saqaf kien hemm, dejjem skond l-attrici, darbtejn li gara hekk. Maz-zmien bdiet dejjem tonqos il-komunikazzjoni bejniethom, sa ma sentejn wara z-zwieg iddecidew li jisseparaw b'kuntratt.

6. Din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' kemm lill-attrici kif ukoll lill-konvenut jixhdu quddiemha (semghet ukoll liz-zewg xhieda l-ohra - b'kollox f'din il-kawza kien hemm erba' xhieda biss - u cioe' lil Evangelista Mamo, omm l-attrici, u lil Clementina Bondin, zijitha, li pero' d-deposizzjonijiet taghhom ftit li xejn huma ta' ghinuna f'din il-kawza). Skond il-konvenut, mhux hu li nbidel wara z-zwieg izda l-attrici:

"Ir-raguni ghaliex spiccajna mifrudin", ighid il-konvenut, "hi minhabba li l-attrici inbidlet. Ghall-attrici x-xoghol beda jigi l-ewwel u qabel kollox....Qed nigi mistoqsi jekk jiena fil-fatt kontx bdejt wara z-zwieg inkun aktar tens u aktar aggressiv fl-imgieba tieghi, inwiegeb li meta wiehed jibda jara li qed jaghzaq fl-ilma, naturalment, wiehed jibda jitlef xi naqra l-pacenzja....Dak li qed jigi suggerit minn Dottor Farrugia, jigifieri li wara z-zwieg il-komunikazzjoni ta' bejnietna kwazi spiccat dak huwa minnu. Jien nghid li primarjament ir-raguni ghala kien hemm dana il-*breakdown* ta' komunikazzjoni bejnietna kien ix-xoghol taghha, ta' l-attrici. Kien hemm anke affarijiet ohra bhal egoismu minn naha taghha u mentri affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mieghi jigu mhux biss l-ahhar izda ta' wara ta' l-ahhar. Per ezempju kienet dejjem tweghdni li ser tipprova tikkomunika aktar mieghi pero' qatt ma waslet biex taghmel hekk. Ftiehmna li naghmlu sena wara z-zwieg minghajr tfal, pero' imbaghad spiccajna ghamilna sentejn. Meta kont ghidtilha "X'ser naghmlu minhabba t-tfal?", qaltli "Jien it-tfal l-ewwel tlett xhur imbaghad hemm il-mama' tieghi." Naturalment dan ghax riedet tibqa' tahdem fil-korp fil-grad li ghandha." (fol. 48-50).

7. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti ma tara xejn li mqar remotament jista' jindika d-difett, fil-kunsens tal-konvenut, ta' nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet

essenzjali taghha. Ma hemm xejn x'jindika li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenut kien taht xi inkapacita' psikika kif aktar 'il fuq imfisser. Kemm hu kif ukoll l-attrici jidher li kienu jafu x'kien l-oggett tal-kunsens matrimonjali, setghu jaghrfu u jirriflettu dwar dana l-oggett, u hadu decizjoni libera minn kull impuls intern. Anqas ma hu l-kaz li l-konvenut kien qed ibati minn anomalija psikologika serja li kienet taghmilha impossibbli ghalih li jaqdi, ossija jassumi, l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Jekk il-kwistjoni taz-zewg okkazzjonijiet meta xarrab is-sodda kienet intiza mill-attrici sabiex tinkwadra f'dan id-difett, il-Qorti tqisha semplicement bhala *a red herring*.

8. L-attrici tikkontendi li l-konvenut heba b'qerq il-kwalita' tieghu li jitkellem baxx u li jidghi, u li din il-kwalita' tieghu mhux biss kienet tali li setghet tfixkel serjament il-hajja mizzewga izda li effettivament fixklet il-hajja mizzewga taghhom. Pero' din il-Qorti hi tal-fehma li, apparti li ma hemmx prova li l-konvenut (jew xi terza persuna) <u>deliberatament</u> heba din il-kwalita', cioe' proprju <u>bil-hsieb li jikseb</u> il-kunsens ta' l-attrici, ma jistax jinghad li din il-kwalita' - li wiehed jitkellem hazin u/jew jidghi meta jitilghulu - kienet tali li setghet tfixkel <u>serjament</u> il-hajja mizzewga. Ovvjament l-uzu ta' tali kliem, apparti li f'certi cirkostanzi jista' jammonta ghal reat kontravvenzjonali, jista' johloq tensjoni bejn il-mizzewgin, l-aktar jekk il-parti l-ohra tkun partikolarment sensittiva ghall-uzu ta' tali kliem bhal ma jidher li kienet l-attrici. Tali tensjoni, izda, ma tammontax, u fil-kaz in dizamina ma kellhiex tammonta, ghal tfixkil <u>serju</u> tal-hajja mizzewga. Jidher li t-tfixkil serju fil-hajja konjugali tal-partijiet kien dovut principalment, jekk mhux esklussivament, minhabba x-xoghol li huma kellhom fl-istess Korp tal-Pulizjia izda fi gradi ferm differenti, sitwazzjoni li gabet tensjoni, inkomprensjoni u eventwalment nuqqas ta' komunikazzjoni u separazzjoni. b'dana kollu ma jistax ragjonevolment jinghad, fuq il-provi li ghandha quddiemha din il-Qorti, li l-kunsens ta' xi parti jew ohra kien vizzjat kif qed jigi allegat fic-citazzjoni.

9. Ghall-motivi premessi din il-Qorti tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra taghha."

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

L-attrici appellat minn din is-sentenza b'aggravju li essenzjalment hu fis-sens illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti ppruvati fid-dawl ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 19 (l) tal-Kap. 225 li jipprovdi illi: "*Zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.*"

Hi tissottometti illi mill-provi kellu jirrizulta illi l-konvenut verament qarraq biha meta zzewweg. Dana tinsisti li sehh fuq zewg fronti, l-ewwel fuq il-mod kif wera l-karattru veru tieghu ta' bniedem difficli w impossibbli li tghix mieghu mmedjatament wara z-zwieg u waqt li fl-gherusija kien proprju l-oppost il-komportament tieghu; l-iehor l-ghaliex hu kien irnexxielu b'success jahbi difett fiziku gravi illi *una volta* martu skoprietu <u>wara</u> z-zwieg serjament affettwa r-relazzjonijiet konjugali bejniethom u ppregudika z-zwieg taghhom.

Il-Qorti tghid qabel xejn illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Marzu 1993 u minn dak iz-zwieg ma kellhomx ulied. Iz-zwieg jinsab allura regolat fil-provvedimenti tal-Kap. 225 kif kienu allura.

Dan ifisser illi ghall-fini tal-ligi civili dak iz-zwieg kien unikament regolat b'dik il-ligi u ma kien bl-ebda mod jaqa' taht ir-regim tal-ligi kanonika. Dan qed jinghad ghaliex l-Ewwel Qorti osservat illi l-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kapitolu 225 kien formolat fuq id-dottrina tal-ligi kanonika u ghalhekk wiehed kellu jara x'kienet tghid id-dottrina kanonika biex wiehed seta' jasal ghal-konkluzzjoni jekk verament kienx hemm zball fl-identita' tal-konvenut. Infatti s-sentenza appellata, bhal ohrajn, tistrieh hafna fuq l-insenjament tal-kanonisti fl-interpretazzjoni ta' artikolu sostanzjalment identiku fil-Kodici Kanoniku li ghalih is-sentenza appellata ghamlet riferenza.

Din il-Qorti ma tikkontestax illi l-gurisprudenza tat-Tribunali Ekklesjastici u l-insenjament tal-kanonisti jaghmlu qari interessanti li jista' jkun ukoll utili biex it-tribunali civili jaslu ghall-apprezzament tat-tifsir tal-kliem uzat mil-legislatur Malti fid-disposizzjonijiet ispirati mil-ligi kanonika. Dan pero' bl-ebda mod ma jfisser illi l-Qrati, fl-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi civili setghu, jew aktar u aktar kellhom, isegwu jew jistriehu fuq dak it-taghlim gurisprudenzjali u jwarbu fil-genb it-tifsir tal-kliem u termini legali fid-disposizzjonijiet taht ezami skond kif iggvernat mir-regoli ta' l-interpretazzjoni u kif elaborati fil-gurisprudenza nostrana. Il-

Qrati kellhom izommu quddiem ghajnejhom illi l-ligi kanonika *ut sic* kienet b'disposizzjoni espressa tal-ligi eskluza mill-ordinament guridiku Malti u konsegwentement ghal kull fini w effett tal-ligi z-zwieg - bhala kuntratt - ma setax *stricto iure* jigi regolat jekk mhux mir-regoli li jiggvernaw dak il-kuntratt li kienu specjali ghalih skond kif espressi mid-disposizzjonijiet ta' l-Att Dwar iz-Zwieg (fil-Kap. 255) u fin-nuqqas skond dawk il-provvedimenti li jirregolaw l-interpretazzjoni tal-kuntratti in generali. Dawn il-konsiderazzjonijiet japplikaw b'mod partikolari f'dawk iz-zwigijiet kuntrattati fiz-zmien meta b'disposizzjoni diretta tal-legislatur kien biss l-ordinament civili li jirregola z-zwigijiet ad eskluzjoni ta' kull ordinament iehor.

Dan precizament, din il-Qorti hasset il-htiega in sede ta' appell illi tindaga ulterjorment dwar l-aggravju ta' l-appellanti illi l-konvenut kien qarraq biha fil-mument meta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg billi heba l-fatt illi huwa kien affett minn difett gravi fiziku li seta' wkoll kellu gherq psikiku li gravament affettwa l-hajja konjugali appena hi skoprietu. L-appellanti tilmenta illi dan il-habi ta' kwalita' fizika negattiva u mard ta' certu gravita' kienu fixklu serjament il-hajja mizzewga mhux biss ghaliex, bhala effett tal-marda, l-hajja konjugali giet disturbata serjament fl-intimita' taghha imma wkoll ghaliex il-

fatt stess ta' habi fil-mument tal-ghoti tal-kunsens nissel inevitabbilment sens ta' sfiducja kbira bhala konsegwenza diretta tal-fatt illi s-sieheb taghha kien qarraq biha fuq cirkostanzi daqshekk rilevanti w importanti ghall-konvivenza konjugali.

Kien ghalhekk li din il-Qorti dehrilha illi fuq dan l-aspett tal-kawza kien opportun illi taghmel evalwazzjoni medika biex tkopri t-tieni kawzali tac-citazzjoni, cioe' li z-zwieg kien null billi l-kunsens kien ivvizzjat minhabba qerq tal-konvenut. Il-Qorti riedet tkun accertata: (1) mill-ezistenza ta' l-allegata marda; (2) mill-fatt jekk dik il-marda kenitx pre-ezistenti ghaz-zwieg; (3) jekk kenitx maghrufha ghall-konvenut appellat dak iz-zmien; (4) jekk il-fatt illi l-appellanti rrealizzat bl-ezistenza tal-marda wara z-zwieg kienx affetwa negattivament il-hajja konjugali u sa liema grad. Riedet ukoll tkun accertata jekk ix-xorta tal-marda kenitx tali illi wiehed seta' jistenna illi l-appellanti ma kenitx tidhol ghaz-zwieg ma' l-appellat li kieku kienet taf biha.

Ghal dan il-fini l-Qorti nnominat lit-Tabib Psikjatra Dottor Peter Muscat. Dana rrelata wara li ghamel l-accertamenti mehtiega. Mir-relazzjoni tieghu skritta u mill-kontro-ezami

kondott quddiemha, din il-Qorti tista' serenament tasal ghal dawn il-konkluzzjonijiet.

**1.** L-Espert Psikjatra jikkonkludi illi minkejja illi kemm l-attrici w il-konvenut ma ghandhom l-ebda mard mentali jew difett serju fil-personalita' taghhom, madanakollu kien hemm bidla fil-personalita' tal-konvenut wara t-tieg. Din il-bidla kienet l-aktar timmanifesta ruhha fl-attitudini w imgieba tieghu lejn l-attrici. Kien hemm ukoll zewg incidenti ta' Eneuresis u li tali kondizzjoni l-attrici ma kienitx taf biha qabel iz-zwieg.

**2.** Din il-kondizzjoni kienet tikkostitwixxi difett fiziku li kien jezisti qabel iz-zwieg. Jirrizulta ppruvat illi l-attrici ma kienitx taf bih hi ghaliex ma giex zvelat lilha minn zewgha qabel iz-zwieg. Meta kien gara l-ewwel darba hi kienet baqghet ixxokkjata w ipprotestat illi zewgha kien hbielha dik il-haga qabel ma zzewget.

**3.** Fl-opinjoni ta' l-Espert Mediku din il-kondizzjoni holqot trauma psikologika kbira u kienet haga illi l-appellanti ma setghetx taccetta. Fil-waqt li fiha nnifisha certament dan kien difett u kien jikkreja inkonvenjenza, jiddependi minn kif wiehed jirreagixxi meta wiehed jirrealizza bl-ezistenza taghha fis-

sieheb u f'liema cirkostanzi. L-istess Espert Mediku qal illi anke fit-tfal din kienet kultant tohloq problemi psikici kbar "*Fl-eta' ta' adult ovvjament hija haga totalment differenti u tista' tohloq inkonvenjenza kbira u f'dan il-kaz holqot ukoll trauma psiko sesswali.*"

**4.** Wiehed irid jinnota wkoll illi x-xorta ta' inkonvenjenza kienet taffettwa l-intimita' konjugali, l-konvivenza bejn il-konjugi anke fir-rigward ta' rapporti sesswali. Kien indubbjament allura difett li, *una volta* stabbilita l-kondizzjoni u mhux bhala xi incident izolat, illi kien jobbliga, almenu civilment, il-parti li tkun ser tikkontratta z-zwieg illi tizvelah lill-parti l-ohra, altrimenti tkun qed tonqos mil-bona fede fil-kuntratt. Infatti l-Psikjatra Espert ma setax jeskludi l-possibbilita' illi kieku l-appellanti kienet taf b'din il-kondizzjoni hi kienet tirrecedi mid-decizjoni illi tizzewweg lill-appellat. Dan proprju minhabba x-xorta w in-natura tad-difett riskontrat li f'certi determinati cirkostanzi - u dawn jidhru li kienu jokkorru fil-kaz taht ezami, wiehed ma jkunx preparat illi jintrabat bil-vinkolu taz-zwieg proprju meta kienu prospettati diffikultajiet ta' din ix-xorta sa mill-bidu tieghu li indubbjament kienu ser jaffettwaw il-konvivenza.

Din il-Qorti allura ma tarax illi mill-ottika ta' dritt civili ma kienux jokkorru dawk l-elementi biex jigi stabbilit: (1) illi *una volta* indubbjament l-appellat kien konsapevoli tal-kondizzjoni fizika tieghu u kien pozittivament heba din il-kondizzjoni mill-futura martu, kien hati ta' qerq fil-konfront taghha u li kien b'dan il-qerq li kiseb il-kunsens taghha; (2) li dan il-qerq kien dwar kwalita' tal-parti l-ohra fis-sens illi l-appellanti kellha l-konvinzjoni illi setghet tikkontratta z-zwieg ma' l-appellat bhala persuna li ma kellhiex difetti fizici serji li setghu jimpeduh milli jkollu konvivenza intima maghha certament minghajr sitwazzjoni fejn in-natura tal-marda stess kienet tallontanhom milli jorqdu flimkien; (3) illi konsegwentement dan in-nuqqas tal-parti l-ohra kienet tali li kienet tista' tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Din il-Qorti hi allura sodisfatta illi mill-assjem ta' dak illi fuq gie konsiderat jemergu tlett elementi principali biex zwieg ikun dikjarat null u cioe': (1) illi l-izball kien jikkoncerna l-kwalita' tal-persuna, f'dan il-kaz kwalita' fizika b'riljevi psikici; (2) li l-kwalita' ta' dik il-persuna tkun direttament u principalment intiza minn naha l-ohra qabel iz-zwieg, jigifieri li dik il-parti li tkun ghamlet l-izball, cioe' l-appellanti tkun izzewget lil dik il-parti l-ohra, cioe' l-appellat, principalment minhabba dik il-

kwalita'. Dan fis-sens illi indubbjament l-appellanti kellha kull intenzjoni li tikkontratta zwieg li fih tkun tista' tghix ma' zewgha f'relazzjoni konjugali normali, psikika u sesswali; (3) li x-xorta ta' l-izball fuq il-kwalita' ta' l-appellat kienet serjament iddisturbat il-hajja matrimonjali. Din il-Qorti allura ssib illi fuq dan l-aggravju l-appell jista' jigi milqugh.

Il-Qorti ma jehtigiliex tinoltra ruhha f'aspetti ohra ta' l-aggravju. Dan ghaliex fir-rigward taghhom, it-Tabib Psikjatra Espert ma kienx daqstant kategoriku u ccertifika b'mod generiku u pjuttost inkonklussiv. Il-Qorti allura ma tarax illi l-fatt li matul iz-zwieg il-karattru ta' l-appellat tbiddel u d-dubbju dwar dan jekk sehhx minhabba nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-konjugi billi l-attrici kien mohha biss fix-xoghol, ma jistax iwassal ghal konkluzzjoni illi kien hemm xi difett fuq din il-bazi fl-oggett tal-kunsens li l-appellanti tat fil-mument li kkuntrattat iz-zwieg.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata, it-talba ta' l-attrici qed tigi milqugha w iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet dikjarat null u bla effett fil-ligi.

L-ispejjez taz-zewg istanzi huma a karigu ta' l-appellat kontumaci.

Deputat Registratur

rf.